Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15393/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0581 (CNS)

FISC 393
ECOFIN 1419
MI 1132
SAN 768
UD 320

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward tat-tabakk mhux maħdum, it-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test ta' kompromess tal-Presidenza.

2025/0581(CNS)

Abbozz

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tat-tabakk mhux maħdum, it-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2], Waqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali, Billi:

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262[3] tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa impost fuq il-konsum ta' ċerti oġġetti soġġetti għas-sisa, inkluż it-tabakk manifatturat kopert mid-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE[4]. Id-Direttiva 2011/64/UE, li stabbiliet l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, hija sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) XX/XXX *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva]*[5] b'effett mill-1 ta' Jannar 2028. Id-Direttiva (UE) XX/XXX *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva]* tkopri t-tabakk mhux maħdum u għadd ta' prodotti ġodda li jiffunzjonaw bħala sostituti għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-lista ta' oġġetti soġġetti għas-sisa li għalihom tapplika d-Direttiva (UE) 2020/262 tiġi emendata biex tkopri wkoll it-tabakk mhux maħdum u dawk il-prodotti kollha.

---

3 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (ĠU L 176, 5.7.2011, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/64/oj).

5 Id-Direttiva tal-Kunsill XX/XXX [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena u r-referenza tal-ĠU tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva*].

(1a) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[6] li tistabbilixxi s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tiddefinixxi "prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa" għall-finijiet ta' dik id-direttiva bħala "*... prodotti tal-enerġija, alkoħol u xarbiet alkoħoliċi u tabakk manifatturat, kif definit minn leġiżlazzjoni Komunitarja preżenti ...*"[7].

(1b) Minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) XX/XXX *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva]* huwa estiż biex ikopri prodotti ġodda li fihom it-tabakk jew in-nikotina, kif imsemmi hawn fuq, jenħtieġ li d-definizzjoni attwali ta' "Prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa" fid-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata biex mat-tabakk manifatturat jiġu inklużi wkoll dawk il-prodotti ġodda.

(2) Sabiex jiġi żgurat il-kxif ta' irregolaritajiet u devjazzjonijiet potenzjali, jenħtieġ li l-operazzjonijiet tal-katina tal-provvista għat-tabakk mhux maħdum ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' kontroll u moviment stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/262. Madankollu, minħabba l-piż li jirrappreżentaw għall-koltivaturi ż-żgħar u r-riskju limitat ta' frodi, jenħtieġ li l-Istati Membri jeżentaw lil dawk li jikkoltivaw it-tabakk, lill-organizzazzjonijiet tagħhom u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom minn dawk ir-rekwiżiti ta' kontroll u moviment, dment li ma jkunux involuti fit-trasformazzjoni ta' tabakk mhux maħdum f'tabakk manifatturat.

---

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj)

7 L-Artikolu 2(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-kategoriji l-ġodda tad-dazju tas-sisa fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) XX/XXX *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva]* jiġu integrati sew fid-Direttiva (UE) 2020/262, jenħtieġ li mal-livelli ta' gwida dwar l-akkwisti minn individwi privati għall-użu tagħhom stess jiżdiedu kategoriji ġodda.

(4) Il-livelli ta' gwida attwali li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, meta jiddeterminaw jekk akkwist isirx għall-użu proprju ta' individwu privat, ma nbidlux minn meta ġew introdotti mid-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE[7]. Ix-xiri transfruntier immotivat mit-taxxa, fejn individwi privati jixtru prodotti tat-tabakk fi Stat Membru ieħor u joħduhom id-dar biex jikkunsmawhom, ibaxxi l-prezz effettiv li bih ikun disponibbli t-tabakk. Dan idgħajjef il-politiki nazzjonali tas-saħħa pubblika li jaffettwa l-isforzi biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip. Hemm konsensus wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati li jenħtieġ li l-politika tat-tassazzjoni tat-tabakk tal-UE tikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-differenzi fit-tassazzjoni bejn l-Istati Membri. Għalhekk, sabiex jiġi appoġġat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-livelli ta' gwida attwali għall-prodotti tat-tabakk jitnaqqsu.

(5) Barra minn hekk, l-infurzar tal-kunċett ta' użu proprju wera li huwa diffiċli. Sabiex jiġi ssimplifikat l-infurzar tad-Direttiva (UE) 2020/262, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, jidderogaw mill-kriterji attwali biex jiġi determinat jekk l-oġġetti soġġetti għas-sisa humiex maħsuba għall-użu proprju ta' individwu privat u minflok iqisu kriterju uniku, jiġifieri l-kwantità ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu kwantitajiet fissi ta' oġġetti soġġetti għas-sisa. Dan jista' jikkontribwixxi wkoll biex tiżdied iċ-ċertezza legali fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwisti minn individwi privati għall-użu proprju.

---

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU 1992 L 76, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/12/oj).

(5a) Jenħtieġ li jiġi ċċarat li d-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk akkwistati minn individwu privat għall-użu proprju tiegħu, fejn it-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti jkun ipprojbit fl-Istat Membru ta' konsum, jista' jiġi impost f'dak l-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali. L-Istati Membri jibqgħu liberi, f'konformità mat-Trattati, li japplikaw l-istess prinċipju fir-rigward ta' prodotti, bħat-tabakk għall-użu orali kif definit fl-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2014/40/UE, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2020/262 u d-Direttiva 2006/112/KE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva (UE) 2020/262 hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) tabakk mhux maħdum, tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk koperti mid-Direttiva tal-Kunsill

(UE) XX/XXX*';

* Id-Direttiva tal-Kunsill XX/XXX [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena, ir-referenza tal-ĠU u l-ELI tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva].".

2. Fl-Artikolu 32(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għat-tabakk manifatturat u għall-prodotti relatati mat-tabakk:

— sigaretti: 200 oġġett,

— sigarri jew cigarillos: 200 oġġett,

— tabakk għat-tipjip, tabakk manifatturat ieħor: 500 g,

— tabakk tal-pipa tal-ilma: 500 g,

— tabakk imsaħħan: 400 oġġett jew 130 g ta' formati oħra,

— likwidi għas-sigaretti elettroniċi: 40 ml,

— boroż tan-nikotina, prodotti oħra tan-nikotina: 280 g,".

3. Fl-Artikolu 32, jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

"3a. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kwantitajiet fissi ta' tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk biex jiddeterminaw l-oġġetti soġġetti għas-sisa msemmija fil-paragrafu 1 maħsuba għall-użu proprju ta' individwu privat. Ħlief fil-każ tas-sigaretti, dawn il-kwantitajiet fissi ma għandhomx ikunu inqas mill-ammont ta' kwantità ta' gwida stabbilit fil-paragrafu 3 il-punt (a). Fil-każ tas-sigaretti, il-kwantità fissa ma għandhiex tkun inqas minn ammont ugwali għall-ammont ta' kwantità ta' gwida stabbilit fil-paragrafu 3 punt (a) miżjud b' 50 %.

3b. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu mid-deroga f'konformità mal-paragrafu 3a għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minn qabel.

3c. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll li d-dazju tas-sisa għandu jsir dovut fl-Istat Membru tal-konsum tat-tabakk manifatturat u tal-prodotti relatati mat-tabakk li jkunu diġà ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor, jekk it-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti jkun ipprojbit fl-Istat Membru tal-konsum.".

4. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 50a

Il-koltivaturi tat-tabakk, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom jeskludu lill-koltivaturi tat-tabakk, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom mir-rekwiżiti tal-Artikoli 14 sa 21, 24 sa 28, 30 sa 31, 33 sa 42, u 44 sa 47 u mir-rekwiżiti l-oħra relatati mal-imponibbiltà tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk mhux maħdum, dment li ma jkunux involuti fit-trasformazzjoni ta' tabakk mhux maħdum f'tabakk manifatturat.

2. L-ipproċessar jew it-tnixxif tat-tabakk mhux maħdum ma jitqiesx bħala trasformazzjoni tat-tabakk mhux maħdum f'tabakk manifatturat.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi biex jikkontrollaw il-moviment, iż-żamma u l-ħażna tat-tabakk mhux maħdum li jsiru għalkollox fit-territorju tagħhom.".

Artikolu 1a

Id-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. "Prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa" għandha tfisser prodotti fit-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262, iżda mhux gass ipprovdut permezz ta' sistema ta' gass naturali li tkun tinsab fit-territorju tal-Komunità jew kwalunkwe network konness ma' tali sistema jew l-elettriku.".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-30 ta' Ġunju 2028, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2028.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President